**It-Tnejn**

**It-Tielet ġimgħa tas-salterju**

V. O Alla, ejja eħlisni.
R. Mulej, fittex għinni.
Glorja. Kif kien mill-bidu. Hallelujah.

**INNU**

1.
Alla kbir, int fridt fil-bidu
l-ilmijiet ta' fuq minn t'isfel,
u waqqaft filgħoli s-sema,
l-art u l-baħar taħt riġlejna.

2.
Is-smewwiet bid-dwal żejjinthom,
lejl u nhar iwennsu l-bniedem;
niżlu x-xmajjar mill-muntanji,
l-art isaqqu w l-għomma jtaffu.

3.
Uri magħna t-tjieba tiegħek,
sawwab fuqna d-dawl tal-grazzja,
biex id-dnub li kien jassarna
ma jerġax fid-dlam jixħetna.

4.
Imla l-fidi tagħna b'dawlek
ħa nferrxuh kull ħin madwarna,
nikxfu l-qerq u nuru x-xibka
li jonsbilna l-għadu ħajjen.

5.
Isma' talbna, Missier twajjeb,
w int, Waħdieni tiegħu u daqsu,
li ta' dejjem hi saltnatkom
ma' l-Ispirtu Faraġ tagħna. Amen.

**SALMODIJA**

Ant. 1 Għajnejna dejjem lejn il-Mulej, sa ma jkollu ħniena minna.
L-Għid: Il-Mulej ikun id-dawl tiegħek għal dejjem, Alla tiegħek ikun il-glorja tiegħek, hallelujah.

**Salm 122 (123)**

Lejk nerfa' għajnejja, *
int li tgħammar fis-smewwiet. –

Ara, bħal għajnejn il-qaddejja lejn id sidhom; *
bħal għajnejn il-qaddejja lejn id sidtha;
hekk għajnejna lejn il-Mulej, Alla tagħna, *
sa ma jkollu ħniena minna.

Ħenn għalina, Mulej, ħenn għalina, *
għax mitmugħa sax-xaba' bit-tagħjir.
Imxebbgħa għall-aħħar ruħna *
biż-żeblieħ ta' l-għonja, bit-tagħjir tal-kburin.

Ant. Għajnejna dejjem lejn il-Mulej, sa ma jkollu ħniena minna.
Ant. 2 L-għajnuna tagħna f'isem il-Mulej li għamel is-sema u l-art.
L-Għid: Ix-xibka tqa ttgħet, u aħna ħrabna, hallelujah.

**Salm 123 (124)**

Li ma kienx il-Mulej magħna *
- ħa jgħid hekk Iżrael -
li ma kienx il-Mulej magħna, *
meta qamu għalina n-nies,
ħajjin kienu jibilgħuna, *
meta nxtegħlu bl-għadab għalina.

L-ilma kien jgħarraqna, *
il-wied kien jgħaddi minn fuqna;
minn fuqna kien jgħaddi *
mewġ ta' ilma qawwi.

Imbierek il-Mulej, *
li ma telaqniex priża għal snienhom.
Ħajjitna bħal għasfur ħelset
mix-xbiek tan-nassaba. *
Ix-xibka tqattgħet, u aħna ħrabna.

L-għajnuna tagħna f'isem il-Mulej, *
li għamel is-sema u l-art.

Ant. L-għajnuna tagħna f'isem il-Mulej li għamel is-sema u l-art.
Ant. 3 Alla ddestinana li nkunu għalih ulied adottivi permezz ta' Ibnu.
L-Għid: Meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja, hallelujah.

**Kantiku (Ef 1,3-10)**

Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, *
li mliena b'kull xorta ta' barka spiritwali,
fis-smewwiet, fi Kristu.

Hekk hu għażilna fih, †
sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, *

biex inkunu qaddisa u bla tebgħa
quddiemu fl-imħabba;

iddestinana li nkunu għalih ulied adottivi †
permezz ta' Ġesù Kristu, *
skond ma għoġob lir-rieda tiegħu,

għat-tifħir tal-glorja tal-grazzja tiegħu, *
li biha mliena fl-Għażiż tiegħu.

Fih aħna għandna l-fidwa, bid-demm tiegħu, *
il-maħfra tad-dnubiet,

skond l-għana tal-grazzja tiegħu, *
li biha fawwarna fl-għerf u l-għaqal kollu:

hu għarrafna l-misteru tar-rieda tiegħu, †
skond il-pjan li għoġbu jfassal fih minn qabel, *
u li kellu jseħħ meta tasal il-milja taż-żminijiet:

jiġifieri, li kollox jinġabar taħt Ras waħda, li hu Kristu, *
kull ma hu fl-art u kull ma hu fis-sema.

Ant. Alla ddestinana li nkunu għalih ulied adottivi permezz ta' Ibnu.

## LEZZJONI QASIRA Ġak 4,11-12

Toqogħdux tqassu fuq xulxin, ħuti. Min iqassas fuq ħuh u jiġġudika lil ħuh, dan ikun qiegħed iqassas fuq il-liġi u jiġġudika l-liġi; imma jekk inti tiġġudika l-liġi, ma tkunx qiegħed tagħmel dak li trid il-liġi, imma ssir imħallef. Wieħed biss huwa dak li jagħmel il-liġi, wieħed biss l-imħallef: dak li għandu s-setgħa jeħles u jeqred. Int min int biex tiġġudika 'l ħaddieħor?

## RESPONSORJU QASIR

R. Mulejja, salvani, * Għax dnibt kontra tiegħek. Mulejja.
V. Jien għedt: Ħenn għalija, Mulej. * Għax dnibt kontra tiegħek.
Glorja. Mulejja.

Ant. tal-kant. ta' Marija Infaħħru l-kobor tal-Mulej, għax Alla xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tiegħi.

Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej, *
u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,
għax hu xeħet għajnejh
fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. *
Iva, minn issa 'l quddiem
kull nisel jibda jsejjaħli hienja.
Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; *
qaddis hu l-isem tiegħu.

Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien *
fuq dawk li jibżgħu minnu.

Hu wera l-qawwa ta' driegħu, *
xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.
Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, *
u għolla ċ-ċkejknin.
Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, *
u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.

Ħa ħsieb Iżrael, qaddej tiegħu, *
għax ftakar fil-ħniena tiegħu
- bħalma wiegħed lil missirijietna - *
b'riżq Abraham u nislu għal dejjem.

**Glorja …**

Ant. tal-kant. ta' Marija Infaħħru l-kobor tal-Mulej, għax Alla xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tiegħi.

**PREĊI**

Kristu jrid iwassal lill-bnedmin kollha għas-salvazzjoni. Nitolbuh b'qalb sinċiera u ngħidulu:
*Mulej, iġbed il-bnedmin kollha lejk.*
Imbierek int, Mulej, li b'demmek l-għażiż fdejtna mill-jasar tad-dnub:
- agħtina l-ħelsien tal-glorja ta' wlied Alla.
Kattar il-grazzja tiegħek fuq l-Isqof tagħna u l-Isqfijiet kollha tad-dinja:
- għinhom jamministraw il-misteri tiegħek bil-ferħ u l-ħeġġa.
Agħmel li dawk li qegħdin ifittxu l-verità jsibuha:
- dawwalhom biex jibqgħu jħabirku dejjem għaliha.
Mulej, kun l-għajnuna ta' l-iltiema, tar-romol, u ta' dawk li ma
għandhom 'il ħadd fid-dinja:
- agħmel li jħossuk magħhom fil-qrib u jingħaqdu dejjem iżjed
miegħek.
Uri tjubitek lil ħutna l-mejtin u sejħilhom fil-belt tas-sema:
- hemmhekk, flimkien mal-Missier u ma' l-Ispirtu s-Santu, int għad tkun kollox f'kollox.

**Missierna**
**Talba**

O Alla, int jistħoqqlok li nxandruk bħala d-dawl li qatt ma jiġi nieqes; issa li wassaltna f'din is-siegħa tal-ġurnata, nitolbuk biex tibqa' turina d-dawl tiegħek fid-dlam tal-lejl li ġej fuqna, u biex fil-ħniena tiegħek taħfrilna l-ħtijiet li bihom illum inqasniek. B'Ibnek.

**Għeluq**

Il-Mulej iberikna, iħarisna minn kull deni, u jwassalna għall-ħajja ta' dejjem. **Amen.**